MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta ta' l-20 ta' April, 2005

Citazzjoni Numru. 719/2004

**HSBC Bank Malta p.l.c.**

**Vs**

**Christopher Cachia u martu Doreen Cachia**
**I.D. numru 156369 (M) u 32470 (M) rispettivament.**

**Il-Qorti.**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha s-socjeta' attrici ppremetta illi:

Peress illi l-konvenuti huma debitrici tal-bank attur fis-somma globali ta' sitt elef tmien mija u zewg liri u sebgh u

hamsin centezmu (Lm6,802.57) liema somma tinkludi l-imghax fuq l-ammont ta’ kapital dovut sat-2 ta’ Mejju 2004 u inoltre l-konvenuti ghandhom jaghtu wkoll lill-bank attur l-imghax relattiv mit-3 ta’ Mejju 2004 sad-data tal-pagament effettiv dovuti lill-istess bank attur kif jinghad hawn taht:

(a) elf seba’ mija u tnejn u sittin liri u erbgh u ghoxrin centezmu (Lm1,762.24) komposti in kwantu ghal elf sitt mija u dsatax-il lira u sebgha **u** tmenin centezmu (Lm1,619.87) bhala somma kapitali u in kwantu ghal mija tnejn u erbghin lira u sebgh u tletin centezmu (Lm142.37) l-imghax relattiv mit-28 ta’ Marzu 2003 sat-2 ta’ Mejju 2004 dovuti bhala bilanc ta’ facilitajiet ta’ *overdraft* moghtija lill-konvenuti *(overdraft account* numru 027-065481-341 gia *Visa Gold Card)* oltre l-imghax relaftiv mit-3 ta’ Mejju 2004 sad-data tal-pagament effettiv, kif jirrizuta mill-prospett anness bhala Dok A;*’*

(b) hamest elef u erbghin lira u tnejn u tletin centezmu (Lm5,040.32) komposti in kwantu ghal erbat elef sitt mija u u tlieta u tletin lira u hdax-il centezmu (Lm4,633.11) bhala somma kapitali u in kwantu ghal erba’ mija u sebgha u wiehed u ghoxnin centezmu (Lm407.21) l-imghax relattiv mit-28 ta’ Marzu 2003 sat-2 ta’ Mejju 2004 dovuti bhala bilanc tal-facilitajiet ta’ *overdraft* moghtija lill-konvenuti *(overdraft account* numru 027-065481-340 gia 027-065481-003) oltre l-imghax relattiv mit-3 ta’ Mejju 2004 sad-data tal-pagament effettiv, kif jirrizulta mill-prospett anness bhala Dok B;

Peress illi l-konvenuti, ghalkemm interpellati ghall-hlas anke ufficjalment (Dok. C), baqghu inadempjenti.

Peress illi l-kreditu tal-bank attur huwa cert, likwidu u ezigibbli u, sa fejn jaf il-bank attur, il-konvenuti m’ ghandhomx eccezzjonijiet x’jaghtu kontra t-talba tal-istess bank attur ghall-hlas ta’ dik is-somma kif jidher mid-dikjarazzjoni guramentata annessa ma din ic-citazzjoni u mill-affidavit tar-rapprezentant tal-bank attur, hawn anness Dok. X;

Jghidu l-konvenuti ghaliex ghar-ragunijiet premessi dina l-Qorti m’ ghandhiex:

1. tiddecidi skond it-talba sussegwenti tal-bank attur bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza kif dispost fl-artikoli 167-170 tal-Kodici ta’ Qrganizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12); u

2. tikkundanna lill-konvenuti biex ihallsu lilI-bank attur is-somma globali ta’ sttt elef tmien mija u zewg liri u sebgha u hamsin centezmu (Lm6,802.57) liema somma tinkludi l-imghax fuq l-ammont ta’ kapital dovut sat-2 ta’ Mejju 2004 **u** inoltre biex ukoll ihallsu lill-bank attur l-imghax relattiv mit-3 ta’ Mejju 2004 sad-data tal-pagament effettiv dovuti lill-istess bank attur kif jinghad hawn taht:

(a) elf seba’ mija u tnejn u sittin liri u erbgha u ghoxrin centezmu (Lml,762.24) komposti in kwantu ghal elf sitt mija u dsatax-il lira u sebgha u tmenin centezmu (Lm1,619.87) bhala somma kapitali u in kwantu ghal mija tnejn u erbghin lira u seba u tletin centezmu (Lm142.37) l-imghax relattiv mit-28 ta’ Marzu 2003 sat-2 ta’ Mejju 2004 dovuti bhala bilanc ta’ facilitajiet ta’ *overdraft* moghtija lill-konvenuti *(overdraft account* numru 027-065481-341 gia *Visa Gold Card)* oltre l-imghax relattiv mit-3 ta’ Mejju 2004 sad-data tal-pagament effettiv;

(b) hamest elef u erbghin lira u tnejn u tletin centezmu (Lm5,040.32) komposti in kwantu ghal erbat elef sift mija u tlieta u tletin lira u hdax-il centezmu (Lm4,633.11) bhala somma kapitali u in kwantu ghal-erba’ mija *u* seba’ liri u wiehed u ghoxnin centezmu (Lm407.21) l-imghax relattiv mit-28 ta’ Marzu 2003 sat-2 ta’ Mejju 2004 dovuti bhala bilanc ta’ facilitajiet ta’ *overdraft* moghtija lill-konvenuti *(overdraft account* numru 027-065481-340 gia 027-065481-003) oltre l-imghax relattiv mit-3 ta’ Mejju 2004 sad-data tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata s-26 ta’ Gunju, 2003, kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta’ attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lil-konvenuti;

Rat in-nota tal-konvenut Christopher Cachia li permezz taghha ammetta t-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Rat illi l-konvenuta Doreen Cachia naqset li tidher il-Qorti u naqset li tipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Semghet ix-xhieda tal-P.L Adrian Borg;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenuta Doreen Cachia u fuq ammissjoni tal-konvenut Christopher Cachia tiddecidi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici kif dedott fic-citazzjoni bil-imghax u bl-isejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------